MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru 817/2005

Il-Pulizija
(Spettur Johann Fenech)

vs

Basil El Mabhouh

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 265969(m) redatta bil-lingwa ingliza u li takkuza lill-imputat talli:

- with having on the 12th May 2004 at about 11.00am at the Refugee Barracks, Hal Far, l/o B’Bugia, caused grevious injuries on Ahmed Yasser Al-Musawi as certified by Dr.G Briffa of S.L.H.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Frar 2008 li fih l-imputat iddikjara li jifhem bil-lingwa tal-Malti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta’ Al-Musawi. Jirrisulta li dan ta’ l-ahhar miet fil-mori tal-kawza u ma ddeponiex f’dawn il-proceduri. Hu eskluz b’mod assolut pero’ li l-mewt grat minhabba l-allegati griehi. Dwar dawn il-griehi xehdet it-tabiba li stqarret li kienu gravi per durata. Mix-xhieda ta’ l-istess tabiba u c-certifikat mediku esebit jirrisulta li l-ferita gravi kienet tikkonsisti fi ksur f’wahda mill-id. Ic-certifikat mediku jiddiskrvi dawn il-griehi li graw meta l-midrub dahal fil-‘cubicle’ fejn l-akkuzat kien qieghed jinhasel u ppretenda li l-akkuzat johrog ‘l barra halli jidhol hu.

Mill-ftit fatti li jezistu fl-atti wkoll meta wiehed jikkonsidra l-riluttanza tal-midrub li jixhed meta kien ghadu fil-possibilita’ li jaghmel dan, komplew isahhu l-fehma ta’ din il-Qorti li l-imputat gie rinfaccjat b’aggressjoni kontra l-persuna tieghu u iddefenda ruhhu.
Jezistu ghalhekk l-estremi tal-auto difeza li jinnulifikaw r-reaita’ tal-imputat.

Inghad dan tiddicidi li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------